MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru. 570/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**vs**

**Melvin Montesin u**
**Roderick Montesin**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Melvin Montesin detentur tal-karta tal-identita` numru 62690(M) u Roderick Montesin detentur tal-karta tal-identita numru 79588(M).

Akkuzati talli nhar it-2 ta’ Gunju 2010, u matul ix-xhur ta’ qabel, minn gewwa dawn il-Gzejjer:-
1. B’diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda u cioe`

ikkomettew serq ta’ ammont ta’ aluminium minn, ghad-dannu tal-istess sid, Emmanuel Spiteri liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u cioe` li jeccedi €232.94 u li izda ma jeccedix €2329.37, u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 261(b)(c), 263, 266 u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-dati, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf Lira Maltin u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Melvin Montestin akkuzat wahdu:

U aktar talli b’hekk fl-istess, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvediment impost fuqu tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, datat nhar il-5 ta’ Ottubru 2008, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat l-ezamijiet tal-imputati fejn irregistraw ammissjoni u l-konferma ta’ tali ammissjoni mill-imputati Melvin Montesin u Roderick Montesin wara li nghataw z-zmien opportun mill-Qorti sabiex ikun jistghu jirregolaw ruhhom; u

Semghet lil Probation Officer Marilyn Attard.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli l-Artikoli 18, 261(b)(c), 263, 266, 267 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputati Melvin Montesin u Roderick Montesin hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta kontrihom stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghal dik tal-ewwel,

u ghal dawk li jirrigwarda Melvin Montesin u qed issibu wkoll hati talli kiser il-provvediment impost fuqu tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta datat 5 ta' Ottubru 2008, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D.) u qed tikkundannah ghal sena prigunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tliet (3) snin, filwaqt li tikkonferma l-inkarigu tal-Probation Officer Marilyn Attard sabiex tkompli tissorvelja lill-istess u tghinu jeghleb il-vizzju tad-drogi.

Fil-kaz ta' Roderick Montesin qeghda tpoggih taht Probation Order a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 u dan ghal perjodu ta' sentejn fejn ghandha titqabbad persuna li tissorvelja lill-istess u tghinu sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga permezz ta' programm apposta. Inoltre, tirrakkomanda n-nomina wkoll ta' Marilyn Attard anke in vista tal-fatt illi l-ko-akkuzati huma ahwa.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------